30 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Bugeja

**Assikurazzjoni — Riskji tat-Terzi Persuni — "Certificate of Insurance" — "Renewal" — "Revival" — Polza tas-Sigurtà — Liċenza tas-Sewqan — Sospensjoni**

*Jekk bniedem ikun isuq karrozza tal-mutur mingħajr is-"Certificate of Insurance", imma fil-fatt ikun ta fil-waqt istruzzjonijiet lill-kumpannija tas-sigurtà biex tirrinnovalu l-"cover" tas-sigurtà, allura huwa ma jkunx qiegħed isuq mingħajr ma hu kopert bil-polza tas-sigurtà jew garanzija għar-riskji ta' terzi persuni.*

*Każ simili mhux każ fejn għandu jiġi eżaminat jekk tikkonkorrix xi raġuni speċjali biex il-Qorti timmitiga l-perijodu tal-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jottjeni liċenzi tas-sewqan, imma hu każ fejn wieħed għandu jara jekk dak ir-"renewal" huwiex regolari; għax jekk ikun regolari, allura taqa' l-imputazzjoni ta sewqan bla polza tas-sigurtà, in kwantu li f'każ simili polza kien hemm.*

*Avvolja fil-polza relativa ma jkunx hemm klawsola fis-sens li, f'nuqqas ta' disdetta minn naħa jew mill-oħra, il-polza tkun ritenuta bħala rinnovata, il-patt verbali tar-"renewal" huwa validu, ladarba ma jikkontradiċix it-termini tal-polza.*

*Taħt aspetti oħra, u għal finijiet ta' kwistjonijiet oħra, jista' jiġi dibattut jekk ikunx każ ta' "renewal" jew ta' "revival", b'mod li jkun hemm kuntratt ġdid, għalkemm fil-prattika r-"revival" jitqies "renewal"; imma din il-kwistjoni ma hemmx lokha meta l-aġent tal-kumpannija, in eżekuzzjoni tal-istruzzjonijiet li kellu minn għand l-imputat, għamel ir-"renewal" regolarment mal-iskadenza, u l-aġent seta' validament jagħmel dak ir-"renewal".*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Joseph Bugeia talli l-Bombi, fit-12 ta' Jannar 1957, f'xi l-5 p.m., waqt li kien isuq car 9728, naqas jobdi s-sinjal lilu mogħti mill-Pulizija waqt li kien jirregola t-traffiku, u saq l-istess car mingħajr ma kienet koperta bil-polza tas-sigurtà jew garanzija għar-riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ord. 36/1939;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni li jiġi skwalifikat milli ikollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għal perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-ewwel ta' Frar 1957, li biha ġie kundannat 10s. għall-ewwel imputazzjoni u £5 għat-tieni imputazzjoni, u skwalifikatu milli jkollu liċenzi tas-sewqan għal żmien sena;

Rat ir-rikors tal-imputat, li biħ appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

*Ikkunsidrat;*

*Omissis;*

Kwantu għat-tieni mputazzjoni;

Hu fatt li s-"certificate of insurance" tal-imputat, fol. 4, juri li l-"policy" tiegħu kienet tagħlaq fis-7 ta' Jannar 1957, u hu ġie mwaqqaf mill-Pulizija tat-Traffiku, li elevatlu dak iċ-ċertifikat, fit-12 ta' Jannar. Iżda l-imputat xehed li hu kien ta istruzzjonijiet lill-kumpannija tas-sigurtà biex tirrinnovalu l-"cover" tas-sigurtà; u fil-fatt, fil-kors taxxhieda tiegħu, l-imputat wera lill-Qorti ċ-ċertifikat il-ġdid tas-sigurtà, li tibda appuntu mis-7 ta' Jannar 1957. Xehed anki r-rappreżentant tal-kumpannija, u assigura li hu ħareġ iċ-ċertifikat il-ġdid mhux minħabba l-inċident ta' din il-kawża, imma għaliex l-imputat verament kien taħ istruzzjonijiet sabiex jirrinnovawlu s-sigurtà malli tagħlaq;

Għandu jiġi notat li dan ma hux il-każ fejn jiġi eċċepit il-konkors ta' "special reason" meta l-kumpannija tas-sigurtà tgħid li hi kienet tikkunsidra ruħha "on risk" non ostante t-telf, għal xi raġuni jew oħra, tal-"cover" tal-"policy", imma dan hu każ fejn, jekk dak ir-"renewal" hu għar-regola, allura taqa' għal kollox l-imputazzjoni ta' sewqan bla polza tas-sigurtà, in kwantu li f'każ simili polza kien hemm;

Issa, fil-polza relativa għal dan il-każ (ara eżemplari eżibit bin-nota tat-13 ta' Marzu 1957) ma hemmx klawsola fis-sens li, f'nuqqas ta' disdetta minn naħa jew mill-oħra, il-polza tkun ritenuta bħala rinnovata. Iżda kien hemm *il-patt verbali tar-"renewal" fuq imsemmi;* u ma jidherx li patt simili ma hux validu, ġa ladarba ma jikkontra-

diċix it-termini tal-"policy" (ara Macgillivray, "On Insurance Law", 1953 edition, paġ. 175). Fil-każ in ispeċje, mhux talli ma jikkontradiċix il-kliem tal-polza, imma anki hu koerenti magħha, in kwantu li f'din ir-riskju hu assunt "...... in respect of events occurring during the period of insurance stated in the said schedule, or during any period for which the Company may accept such payment for the renewal of this policy";

U l-"premium" jirriżulta li ġie aċċettat, u s-"certificate" maħruġ mis-7 ta' Jannar 1957; b'mod li s-sigurtà ġiet rinnovata;

Taħt aspetti oħra, u għall-finijiet ta' kwistjonijiet oħra, jista' jiġi dibattut jekk hux il-każ ta' "renewal" jew pjuttost ta' "revival" tal-polza, b'mod li jkun hemm kuntratt ġdid, għalkemm, kif jgħid l-awtur Shawcross, fil-prattika r-"revival" jitqies "renewal" (On Motor Insurance, paġ. 470). Però, f'dan il-każ lanqas jidher li hemm lok għal din il-kwistjoni; għax, in eżekuzzjoni tal-istruzzjonijiet li kellu minn għand l-imputat, l-aġent għamel ir-"renewal" regolarment mal-iskadenza;

Lanqas jidher li f'dan il-każ jista' jiġi dubitat li l-aġent, Prokuratur Legali Schembri Adami seta' jagħmel ir-"renewal"; għaliex, apparti li hu għandu s-setgħa li jikkuntratta għall-kumpannija f'materja ta' poloz tas-sigurtà simili, hemm ukoll il-fatt li, skond ix-xhieda tiegħu, il-kumpannija approvat dan ir-"renewal" fl-imgħoddi. U ġie deċiż kemm il-darba fil-ġurisprudenza ngliża in materja ta' sigurtà, li l-awtorità tal-aġent tista' tiġi valutata anki in bażi għall-"course of previous dealing recognised by the Company";

Għalhekk għandu jiġi ritenut li l-imputat ipprova li fil-każ tiegħu, bħala effett ta' dawk l-istruzzjonijiet, aċċettatti u eżegwiti mill-kumpannija tas-sigurtà, kien hemm "existing policy" li ġiet "renewed" debitament, u mhux sempliċement "revival" ossija "reinstatement ex gratia";

Gie anki spjegat mill-aġent P.L. Schembri Adami li s-"certificate of insurance" bir-"renewal" ma kienx f'idejn l-imputat minħabba li x-xhud kien marid u ma kienx seta' jmur l-uffiċċju biex jagħti l-istess "certificate" lill-imputat;

Konsegwentement, konformement għal dak li ngħad fuq, ma jistax jingħad li l-imputat kien qiegħed isuq bla "cover" tas-sigurtà;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tikkonferma d-deċiżjoni appellata kwantu għall-ewwel imputazzjoni ta' diżubbidjenza tas-sinjal u l-piena relativa tal-ammenda ta' 10s., iżda tirrevokaha kwantu għad-deċiżjoni ta' sewqan bla "cover" tas-sigurtà, u tiddikjara lill-imputat mhux ħati ta' dik l-imputazzjoni, u tneħħi għalhekk il-piena ta' £5 u dik tas-sospensjoni tal-liċenza. U f'dan is-sens tipprovdi fuq l-appell.